# Il-Ħsieb Pawlin fil-Mellieħa



**Alfred Vella**

Il-Parroċċa tal-Mellieħa ma tiċċelebrax la l-Konverżjoni tiegħu f'Jannar u lanqas in-Nawfraġju tiegħu fi Frar. Iżda l-Kappillan Magri meta ġie biex iqabbad lill-pittur Giuseppi Cali' biex jagħmel il-kwadri li kellhom isebbħu l-knisja parrokkjali, ma setax iħalli barra kwadru dedikat għall-memorja ta' San Pawl. Il-parroċċa hija ddedikata lit-Twelid ta' Maria Bambina, li ġiet marbuta ħafna mal-vittorja kbira li seħħet fl-1565 fejn Maltin u Kavallieri laħqu ċarċru demmhom biex isalvaw lil din il-gżira mill-Mislem. Kienet rebħa għal Malta u għall-kontinent Ewropew u fuq kollox għall-Fidi Nisranija. Iżda l-pittur li offra l-enerġija tiegħu kollha, dik mentali u dik fiżika biex jagħmel dan il-kwadru titulari mimli tifsira storika u reliġjuża, reġa' sab x'jimmotivah biex bl-istess qawwa jikkomponi kwadru li jġib is-sitwazzjoni tan-nawfraġju b'mod drammatiku. Jgħidu nies ta' żmienu, li Cali' sab ruħu f'diffikulta' biex jibda jikkomponi dan il-kwadru.

Jista' jkun li ħass it-toqol tar-responsabilta' li jwettaq ħsieb il-kappillan li kien imnebbaħ mix-xbieha tal-Madonna li t-tradizzjoni dejjem rabtitha mal-miġja tiegħu fi gżiritna. Kellu jitilqu u joħroġ 'il barra mill-knisja u jmur jaħseb. Dak il-waqfien qasir servieh biex jagħżel. Kien żgur f'salib it-toroq għax San Pawl fi gżiritna għamel storja ta' tliet xhur. U qatagħha. Qatagħha li jġib wara n-Nawfragju, b'San Pawl, il-protagonista tal-ġrajja, il-bniedem t'Alla li ħadha f'idejh – is-salvazzjoni minn dik it-tempesta u t-tifrik tal-bastiment. Ġab lil San Pawl fl-aqwa tiegħu meta dawk ta' fuq il-mirkeb, għassiesa u priġunieri, ħassewhom bla ħila quddiem dawk il-forzi tan-natura. In-nar imkebbes ġabilhom is-sħana li kellhom bżonn u fuq kollox it-tama. Id-dettal fil-kwadru jkun qiegħed jgħid ħafna storja. Juri x'ikun għaddej fil-moħħ tal-pittur, u b'dik it-teknika artistika tiegħu, iġġib quddiemek dak li jrid ixandar b'dawk is-sentimenti ta' patrijottiżmu u ta' ammirazzjoni għall-appostlu li la l-lifgħa velenuża u lanqas il-ħelsa mill-għarqa ma naqqsulu mill-ħeġġa li jevanġelizza.

Il-kappillan Magri, li bħala saċerdot ma setax ikun nieqes minn studju ta' San Pawl, ħassu obbligat li l-parroċċa jkollha fi ħsiebha dan l-appostlu minħabba s-Santwarju tal-Madonna li dejjem kellu dik it-tradizzjoni ġejja mill-qedem li dik ix-xbieha tinsab hemm minħabba fiH. San Luqa jingħad li għamilha, mhux b'dawk il-kuluri li nafu u l-istil siculo-biżantin. Iddobba b'li sab biex għamel taħżiża. Bħala pittur mhux magħruf li kien iżda b'daqshekk seta' pinġa. L-artisti b'danakollu jżommuh bħala l-patrun tagħhom għal mod kif jikteb fuq il-Madonna. San Luqa wasal f'dan l-għar għax kien ma' San Pawl f'dan il-vjaġġ drammatiku.

Il-knisja mill-antik bniet il-fama tas-santwarju fuq din it-tradizzjoni. Mhix infallibli bħad-dommi tal-fidi. Iżda mhix dik prużuntuża li ma tikkonsultax lill-istoriċi biex tkun żgura minn dak li tgħid u tagħmel. Il-miġja ta' San Pawl mas-Santwarju, l-istoriċi ħassewha matul iż-żmenijiet. Ġanni Mifsud fil-ktieb tiegħu isemmi lill-Mons Pirri (1630), Gian Frangisk Abela (1647), Giacint Bosio (1615), Abela Ciantar (1780), Mons Bres Onorato (1816), Ferris fl-Istorja tal-Knisja – storiku ikkwotat ħafna. Imbagħad għandek il-visti Pastorali li jirreferu



għall-fatt li San Luqa pitter l-Ikona. Dawn huma Mons Duzzina (1575), Mons Gargallo (1587), Mons Cagliares (1616), Belaguer (1618) u Mons David Cocco Palmieri. Meta Mons Alpheran de Bussan ġie biex jikkonsagra l-knisja fil-21 ta' Mejju 1747 dan ikkonferma t-tradizzjoni meta "F'nofs il-funzjoni, il-Mons kellem lill- poplu b'dak id-diskors imħeġġeġ.... ' **Din il-Knisja Qaddisa hija waħda mill-basiliċi. Fl-istess post li qabel kien iddedikat lil alla falz (Calipso), l-Appostlu Pawlu li ġie biex jagħti l-Fidi lill-Maltin kien akkompanjat minn San Luqa li pinġa b'kuluri ħajjin ix-xbieha ta' Omm Alla fuq il-blat**...' ( Mifsud P.47)

Fuq l-artal hemm l-istatwi ta' San Pawl mogħtija mis-Sorijiet Benedittini tal-Imdina u dik ta' San Luqa mill-Balliju Fra Ferdinando Correa, (Mifsud P.47) biex tisssaħħaħ it-tradizzjoni kif ukoll dik l-istatwa massiva li hemm mal-faċċata tas-Santwarju. Jiġifieri l-ġenerazzjonijiet, naturalment dejjem skond ir-rieda u l-buona volontà tal-awtorità ekkleżjastika, ħassew ir-rabta Pawlina. Fi żmieni niftakar lir-re tal-Etjopja, ammiratur kbir ta' San Pawl, jirrikorri għas-Santwarju, bħala destinazzjoni Pawlina, minħabba li kien qiegħed jivvjaġġa fuq ir-rotot li kien ħa San Pawl fil-Mediterran. Rotot li ħajru lil Papa Gwanni Pawlu II jagħmel l-istess. Dan kien fl-aħħar tal-erbgħinijiet.

Fis-sena Sittin tas-Seklu l-ieħor, in-nawfraġju kien qiegħed jiġi mfakkar b'mod kbir u solenni ħafna. Il-Knisja ħasset obbligazzjoni li tfakkar dan l-avveniment li ta identità lil Malta b'magħmudija nisranija. Hawnhekk is-santwarju ħa dimensjoni kbira billi isqfijiet u Kardinali li ġew minn pajjiżhom biex jassistu għal ċelebrazzjonijiet Pawlini, għamlu żjarat f'dan it-tempju u anke kellna okkażżjonijiet magħhom. Il-Kardinal Pawlu Marella niżżilnih mat-toroq ewlenin tal-Mellieħa biż-żewġ baned, akkompanjat minn numru kbir ta' nies. Kien qaddes u għamel diskors bl-Ingliż. Isqof mill-Iskozja qaddes quddiesa tard fil-għaxija fuq tribuna għolja fid-daħla tal-Bitħa Tas-Santwarju wara li waslu erba' pellegrinaġġi ta' Melleħin li telqu minn postijiet differenti ma' nżul ix-xemx. Kienet okkażżjoni mill-isbaħ fejn il-poplu Mellieħi fil-maġġoranza tiegħu ħa sehem qawwi.

Il-qniepen kienu jħabbru xi żjara ta' dawn il-kardinali jew isqfijiet, li ma kinux isiru b'xi mod uffiċjali. Niftakar lill-Kardinal Gracias, mill-Indja, li mela l-bieb waqt li kien dieħel. Kien bniedem ta' statura kbira. Kellu laqgħa kbira fl-Istitut Kattoliku mill-poplu Malti. Ried jirringrazzja lill-Maltin għall-missjunarji li marru minn Malta biex iservu ġo pajjiżu l-Indja. Il-Ġiżwiti kienu ħassewhom onorati bil-miġja tiegħu f'Malta billi kienu jaqdu il-missjoni tagħhom hemm f'pajjiżu. Quddiemi jiġi l-Ġiżwita Salvinu Galea jsisti miegħu. Milli jidher kienu ġa jafu lil xulxin.

Konna offendejna ruħna meta bi preparazzjoni għal dawn il-festi, f'pubblikazzjoni bit-taljan li daħħlet niċeċ, statwi u knejjes li kellhom xi konnessjoni mal-miġja ta' San Pawl, ma nstabx spazju biex jidher ritratt ta' dan is-Santwarju fil-Mellieħa. Frott it-twemmin li ġabilna San Pawl, santwarju bi storja antika ħafna, li lejh irrikorrew niesna minn kull parti ta' Malta, fi flaġelli, gwerer, tempesti u nuqqas ta' xita, b'dawk is-sinjali Pawlini u suppliki bbażati fuq it-tradizzjoni Pawlina, ma tifhimx kif kellu jitħalla barra. Żbalji jsiru u forsi dan in-nuqqas serva biex nies il-parroċċa tagħraf x'għandha u tapprezza. Fost it-tgergir toħroġ l-informazzjoni biex issir id-difiża għall-valuri li jkun hemm. Iżda kien hemm min fehem in-nuqqas u sar ħafna biex jikkumpensana biż-żjajjar li saru. L-Arċisqof Sir Michael Gonzi kellu ċerta mħabba għal dan is-Santwarju. Ta' spiss kien iżuru waqt li kien ikun ġej jew sejjer minn Għawdex u minħabba fl-antikità tiegħu kien il-mistieden tal-Papa Giovanni XXXIII biex iwasslilna



xemgħa. **Ikkonċelebra ma' 26 isqof li kellhom fid-Djoċesi tagħhom Santwarju Marjan Magħruf. (Mifsud 105,106)**

Is-Santwarju huwa magħruf ħafna għad-devozzjoni Marjana u jista' jkun li dan jitfi dak l-element Pawlin. Iżda dment li dik it-tradizzjoni ma tiġix dikjarata falza, minħabba nuqqas ta' provi li tista' tmisshom, il-post jibqa' għandu importanza kbira fil-konverżjoni ta' Malta minn dak l-Appostlu tal-Ġnus. Il-Mellieħa damet ħafna ma tieħu r-ruħ bil-popolazzjoni. Dak l-ispirtu ta' komunità kellu jieħu ż-żmien biex jifforma ruħu b'dawk il-komunitajiet żgħar f'Għajn Żejtuna, Ġnien Ingraw, San Niklaw, Il-Miżieb u l-Qammieħ, minħabba għerien u ilma ġieri. Il-kura tas-Santwarju, f'idejn ir-retturi ma setgħetx tieħu l-kors tagħha. Kienu ż-żjajjar tal-Isqfijiet li servew biex isir xi forma ta' restawr. Tistagħġeb allura kif kien hemm għarfien għalih. Kien hemm xi raġuni għal dik ir-referenza hekk bikrija lejn dan il-post li ma kenitx ġejja minn xi nies li għexu fil-lokalità, li apprezzaw x'kien hemm. Il-pubbliċità kienet ġejja iktar minn barra l-Mellieħa, anzi minn prelati u personalitajiet ekkleżjastiċi.

Il-kult ta' San Pawl f'Malta qawwewh ħafna l-Kavallieri ta' San Ġwann. U s-Santwarju gawda minn Gran Mastri bħal Ramon Perellos li offra 100 skud fis-7 ta' Lulju 1717. (Mifsud P 43). Il-Gran Mastru Manwel De Vilhena kien ukoll benefattur (Ibid P44). Wignacourt ħalla l-Wied Tal-Madonna bħala benefikat għal min imexxi s-Santwarju barra li lampier mogħti minnu għadu jfakkarna fih.

Għandna L-Għar u Casa, fejn għar ġieli serva ta' dar u għar. Qiegħed ma' xifer minn fejn tista' titgawda waħda mill-isbaħ veduti li hawn ġo Malta, b'dik il-bajja u dik il-ħdura fl-isfond tagħha. F'dan l-għar irranġat f'dar, ġie li kien hemm xi familja toqgħod hemm mhux minħabba nuqqas ta' mezzi, iżda biex tħossha qegħda fil-kampanja. Il-familja anzi kienet tat-tajjeb għaliex kif kien jgħidli Joe Stellini, kienet tistieden lill-Banda La Vittoria ddoqq hemm u wara kien ikollhom trattament. Kien hemm dejjem l-istatwa ta' San Pawl imponenti, donnha qegħda tħares it-triq tal-Għadira. Meta fil-Gwerra familja kienet qegħda toqgħod hemm ghax kienu xi werrieta tal-ewwel residenti, din l-istatwa kienet tkun ikkurata ħafna billi s-Sur Ġakkin Falzon kien mill-Parroċċa ta' San Pawl il-Belt. Kien itella' bandieri li jsebbħu l-post. Kien bniedem dilettant ħafna. Niftakar li kien għamel bħal mudell ta' torri wkoll. Aħna l-Melleħin konna nirreferu għal dik ix-xagħra fuq ir-riħ bħala Fuq San Pawl. Minn hemm kienu jitilgħu l-murtali u l-kaxxi nfernali. Tiskanta kif il-kult Pawlin jieħu l-kors tiegħu ġo parroċċa.



Aħna l-Maltin dejjem nixtiequ li nsibu xi jsaħħilna t-tradizzjonijiet li għandna dwar San Pawl. Instabu fdalijiet ta' bastimenti li tfarrku fil-bajja qrib l-iskoll iżda ma kien hemm l-ebda rabta man-nawfraġju msemmi fl-Atti tal-Appostli. Biss it-tradizzjonijiet huma qawwijin u dak li hemm fl-Atti tal-Appostli, kienet ġrajja li seħħet b'dawk id-dettalji kollha. San Luqa ma kienx jaf il-lokalitajiet Maltin. Kieku semmielna fejn daħlu kien jgħinna ħafna. Għallinqas sar jaf li l-Gżira kienet Malta Tagħna u n-nies urew qalb kbira magħhom. Il-Knisja "Tal-Ħġejjeġ", f'San Pawl Il-Baħar, qrib tal-Għażżenin, inbniet biex tfakkar dan. Nistennew li kisbiet storiċi għad jitfgħu iktar dawl biex l-interess dwar San Pawl f'Malta jibqa' jikber u napprezzaw Fidi mgħallma mill-Appostlu tal-Ġnus.

